**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**DIGRIET (Numru 159/2019)**

**MAĠISTRAT DR VICTOR GEORGE AXIAK**

*In atti tal-Mandat ta' Sekwestru nru. 2317/2017 fl-ismijiet:-*

**Joseph Cassar Aveta (K.I. 694458M)**

versus

**Burmarrad Commercials Limited (C13537)**

Moqri illum 17 ta' Ottubru 2019,

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' Burmarrad Commercials Limited (C13537) ipprezentat fit-18 ta' Lulju 2019 li permezz tieghu l-kumpanija rikorrenti talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. *Tiddikjara li l-mandat ta' sekwestru bin-numru 2317/17 huwa null;*
2. *Tirrevoka contrario imperio, a tenur tal-Artikolu 281 tal-Kap 12 id-digriet taghha tas-7 ta' Dicembru 2017;*
3. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex ma' jawtorizza ebda zbank tal-flus depozitati f'idu;*
4. *Tawtorizza lis-socjeta' sekwestrata Burmarrad Commercials Limited, tizbanka kwalunkwe cedoli li gew depozitati in atti tal-mandat ta' sekwestru numru 2317/17.*

*Bl-ispejjez kontra s-sekwestrant Joseph Cassar Aveta.*

Rat id-dokumenti kollha annessi mal-imsemmi rikors;

Rat li fis-seduta tad-9 ta' Awwissu 2019 il-Qorti *inter alia* qassret it-terminu ta' risposta ghal zmien gurnata min-notifika;

Rat li wara diversi tentattivi ta' notifika, l-intimat Joseph Cassar Aveta gie notifikat permezz tal-procedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni fis-27 ta' Settembru 2019, cioe' fit-tielet (3) jum ta' xoghol wara l-pubblikazzjoni fil-harga tal-Gazzetta tal-

Gvern tal-24 ta' Settembru 2019 u dan ai termini tal-Art. 187(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta li jiddisponi li n-notifika *"għandha titqies li tkun saret fit-tielet jum tax-xogħol wara l-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard";*

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Ottubru 2019 il-Qorti ma' kellha l-ebda atti fil-process. Madanakollu wara tfittixha fis-sistema tal-*Lecam* irrizulta illi l-intimat kien intavola risposta fil-15 ta' Ottubru 2019, cioe' jumejn qabel is-seduta u tmintax-il gurnata wara li kien gie debitament notifikat;

Ikkunsidrat illi skond l-Artikolu 281(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta

***"281(2) Ir-rikors għandu jiġi notifikat lill-parti opposta li, fi żmien għaxart ijiem, għandha tippreżenta risposta li jkun fiha s-sottomissjonijiet kollha li tista' tkun tixtieq tagħmel flimkien mad-dokumenti kollha li jsostnu r-risposta li tista' tippreżenta:***

***Iżda l-qorti tista', f'każijiet urġenti, tirriduċi l-perjodu msemmi f'dan is-subartikolu. Fin-nuqqas ta' din l-oppożizzjoni, il-qorti għandha*** **(sottolinear mizjud minn din il-Qorti)** ***tilqa' t-talba."***

Ikkunsidrat illi l-intimat naqas milli jintavola risposta kemm fit-terminu ta' gurnata impost lilu mill-Qorti ai termini tal-*proviso* tal-Art. 281(2) u kif ukoll fit-terminu ta' ghaxart ijiem impost skond l-ewwel paragrafu tal-Art. 281(2);

Ikkunsidrat ghalhekk illi l-Qorti ma' tistax hlief tilqa' t-talbiet tar-rikorrent Burmarrad Commercials Limited.

Ghaldaqstant tiddisponi mir-rikors billi tilqa' t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti Burmarrad Commercials Limited kif dedotti bl-ispejjez kontra l-intimat Joseph Cassar Aveta.

**Dr. Victor George Axiak**
**Magistrat**

**Mario Azzopardi**
**Deputat Registratur**